***FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)***

***ONOR. MAGISTRAT DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.***

Il-Pulizija
Spettur Pio Pisani
Vs
**MOHSEN FAROUK IBRAHIM MASRI ta' 40 sena, bin Farouk u Simiha, imwieled il-Cairo, l-Egittu, nhar 29/05/1962, u joqghod 5, Alley 1, Marsa Road, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0018990(A)**

**Illum 11 ta' Settembru, 2002**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmi Mohsen Farouk Ibrahim Masri li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer u cioe fi Triq it-Trunciera, Qawra, San Pawl il-Bahar, nhar il-31 ta' Awissu, 2002, ghall-habta ta' 1450 hrs offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.
(Artikolu 209 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta).

Akkuzat ukoll talli fl-istess post, data, hin u cirkostanzi fi xatt il-bahar jew lok iehor pubbliku, jinza gharwien jew ma kienx liebes xieraq.
(Artikolu 338(Q) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.)

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali.

Rat ukoll li seduta stante l-Avukat Difensur ghall-akkuzat irregistra li m'ghandux oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat l-ammissjoni li ghalkemm mhux bikrija fi stadju tal-interrogatorju, serviet biex ma jitellghux ebda xhieda f'din il-kawza in desamina.

In vista tal-ammissjoni rat ukoll l-artiklu 209 tal-Kapitlu 9, l-artiklu 338 ukoll tal-Kapitlu 9, l-artiklu 17(b) tal-Kapitlu 9 u qed issibu hati tal-istess akkuzi.

Rat il-fedina penali tieghu li hija kompletament netta.

In vista tal-istess ammissjoni u in linea ma' dak li sancit illum fil-Kapitlu 9 taghna, il-Qorti anke barra li qieset il-gravita` tar-reat minnu kommess qieghda tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena wara li rat l-artiklu 28(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**MAGISTRAT**